MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 361/2003

**Louis Pisani bhala Principal**
**u**
**fl-interessi ta’ San Anton School**

**vs**

**Emanuel u Anna konjugi Portelli**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf, seba’ mija u sbatax-il Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (LM1717.67c) flimkien ma’ imghax legali skond il-ligi, ammont dovut in konnessjoni ma’ servizzi edukattivi rezi f’San Anton**

**School ghal uliedhom minuri Philippa, George, Andrew u Maria Kristina Portelli ghas-sena skolastika 2001-2002;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Frar tas-sena 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-21 ta' Jannar tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------